MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Rikors Numru. 479/2014

AB

Vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, wara li ppremetta :

1. Illi l-kontendenti zzewwgu nhar it-3 ta' April 1974.

2. Illi minn dan iz-zwieg huma kellhom erba tfal u cioe` W li twieldet fl-4 ta' Lulju 1975 u llum ghandha 39 sena, X li twieled fl-10 ta' Ottubru 1977 u llum ghandu 37 sena, Y li twieldet fis-16 ta' Dicembru 1979 u llum ghandha 34 sena u Z li twieldet fil-25 ta' Novembru 1980 li wkoll ghandha 34 sena.
3. Illi l-kontendenti kienu sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 16 ta' Settembru 2009 u ppublikat min-Nutar Pubbliku Dottor Tonio Cauchi (Dok. EB1)
4. Illi r-rikorrent kien obbliga ruhu li jhallas l-ammont ta' €35 fix-xahar u huwa jiddikjara li m'hemmx problem f'dan ir-rigward u sejjer jibqa jhallas dan l-ammont skond ir-rekwiziti tal-klawsola 9 tal-kuntratt hawn anness.
5. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;
6. Illi huwa qieghed minn issa jipprezenta affidavit guramentat tieghu mmarkat bhala Dok. EB2.
7. Illi ghalhekk dawn il-fatti jissoddisfaw ir-rekwiziti tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta .

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan that dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Novembru, 2014;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-16 ta’ Settembru 2009;

Illi ir-rikorrenti ippruva ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------